**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex0**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 11/2021 BS**

**Road Construction Co. Ltd**

**-vs-**

**Salvu Mintoff & Sons Limited**

**Illum 16 ta' Marzu 2021**

**Preliminari.**

Il-Qorti;

Permezz tal-proceduta odjerna Road Construction Co. Ltd (C-15677), )ir-rikorrenta) qed titlob l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ("il-Mandat") kontra Salvu Mintoff & Sons Limited (l-intimata) sabiex din tinzamm milli :

*Taghmel jew tkompli taghmel tibdil li jkun, inkluz permezz ta' xogħlijiet ta' thaffir, thammil, tqattigħ jew garr ta' blat u materjal iehor, minn xi parti mill-art magħrufa "Tal-Qasam" jew "Ta' Għar id-Dar" jew "Tal-Hawli", fil-limiti tal-Qala, Għawdex, kif aħjar indikata bil-kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa u markata (Dokument RC1), u tieghu ghaliha, tittrafserixxi lil terzi jew b'xi mod iehor tnaqqas mill-blat u l-materjal li ghad hemm sal-lum fil-wicc ta' din l-art, jew tahtu.*

Ir-ragunijiet illi abbazi taghhom hija fondata t-talba huma mfissra fir-rikors. Kienu prezentati wkoll dokumenti mar-rikors li l-Qorti hadet vizjoni taghhom.

Fir-risposta li pprezentat, l-intimata ikkontestat bir-ragunijiet taghha u attakkat ukoll il-fondatezza tat-talba ghall-hrug tal-Mandat. Ipprezentat dokumenti. Anke ta` dawn il-Qorti hadet konjizzjoni.

Fl-udjenza tat-12 ta` Marzu, 2021 saru sottomissjonijiet mid-difensuri u r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

**II. Il-kwistjoni**

Fil-qosor il-kwistjoni mertu tar-rikors odjern hija din:

Skond ir-rikorrenta permezz ta kuntratt datat 17 ta' Settembru 2018, hija akkwistat l-utile dominju temporanju ta' medda art fil-Qala Ghawdex, maghrufa bhala "Tal-Qasam" jew "Ta' Ghar id-Dar", jew "tal-Hawli". Tghid li hija akkwistat dan l-utile dominju ghal skop kummercjali ta' tqattigh ta' blat u negozju bil-materja prima .

Tghid li l-intimata dahlet f'din l-art u illum qieghda tokkupa din l-art minghajr jedd legali. Skontha wkoll l-intimata ma tgawdi l-ebda dritt billi l-kuntratti li fuqhom l-intimata qed tibbaza il-jedd taghha huma difettuzi billi saru ma min ma kellux ir-rapprezentanza tal-padrun dirett ta' l-art.

Ir-rikorrenta tishaq illi l-intimata qed thammel u tqatta blat f'art li tappartjeni lilha. Tghid ukoll illi waslet sabiex taghmel it-talba odjerna billi ezawriet l-alternattivi kollha legali li ma hallew l-ebda rizultat mixtieq.

Da parti taghha l-intimata tikkontendi li hija ghandha l-jedd li topera minn din il-bicca art u dan bis-sahha ta' zewg skritturi tal-14 ta' April 1998 u tat-28 ta' April 1998. In oltre tishaq illi illum tezisti garanzija bankarja fl-ammont ta' miljun ewro favur ir-rikorrenta u ghalhekk it-talba ghal hrug tal-mandat ta inibizzjoni ma ghandhiex tintlaqa.

**III. Dritt**

Il-mandat t'inibizzjoni il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ));

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-Art 873 tal-Kap 12. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

a) Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti ("m`ghandhiex") u allura hija prekluza *ope legis* milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli – *periculum in mora*

## IV. Gurisprudenza

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat. "*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja[2].

4) Il-procedura hija wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug tal-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li fi procediment hal dan jitressaq quddiem din il-Qorti, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

Dan ifisser ghalhekk illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd gie ppruvat, kif ukoll m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu

[1] Kollez Vol. LXXII.II.290

[2] Xuereb noe vs Hili noe, Qorti tal-Kummerc , deciza 22 ta` Settembru 1994

tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**V. Risultanzi**

**Il-Jedd** *prima facie*.

Il-qorti issa sejra tistharreg *in primis* jekk jirrizultax il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti li jitolbu l-hrug tal-Mandat.

Il-qorti tirrileva li tenut kont illi l-grad ta` prova li l-parti rikorrenti kienet obbligata tikseb ghall-fini ta` dan il-procediment kienet dik *prima facie*, u sabiex tistharreg jekk ir-rikorrenti ghamlux il-prova tal-jedd sal-grad ta` *prima facie* il-qorti minbarra l-ezami tad-dokumenti li kienu prezentati miz-zewg nahat qieset ukoll bir-reqqa dak sottomess minnhom.

Fl-ahhar ta dan l-ezercizju hija l-fehma ta din il-Qorti li r-rikorrenta irnexxhielha tissodisfa il-kriterju tal-jedd *prima facie*.

***Periculum in mora***

Jmiss issa li l-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra jekk ir-rekwizit l-iehor dak maghruf bhala il-*periculum in mora,* giex sodisfatt.

IL-Qorti tinnota li matul is-seduta tat-12 ta' Marzu, 2021, l-intimata ipprezentat dokument mahrug mill-Bank Of Valletta liema dokument jghid illi l-bank imsemmi kien lest illi johrog garanzija ta miljun ewro u ghalhekk l-intimata targumenta illi in vista ta din il-garanzija il-"*periculum in mora*" ma jissustixxixix.

Il-Qorti fliet bir-reqqa id-dokument esebit[3]. Tinnota li d-dokument jghid car u tond illi l-garanzija bankarja tinhareg biss jekk jkun hemm *"a formal confirmation that the current garnishee order issued by Road Construction Ltd is countermanded."* Dan ifisser illi biex tohrog il-garanzija mill-Bank l-istess bank jrid jkollu f'idejh il-konferma formali li kien hemm kontro mandat tal-mandat ta sekwestru. *Dunque* din il-garanzija tinghata biss WARA li jsir il-kontro mandat tal-mandat ta sekwestru. L-intimata ma gabet l-ebda prova li l-kontro mandat inhareg u ghalhekk ghal din il-Qorti dan jfisser li fin-nuqqas tal-kontro mandat lanqas hemm il-garanzija bankarja ta' miljun ewro.

Matul is-sottomissjonijiet tqajjem l-argument illi din tal-lum ma hix l-ewwel talba illi ghamlet ir-rikorrenta ghal hrug ta mandat ta inibizzjoni kontra l-intimata. Gew ukoll ipprezentati l-provvedimenti li nghataw wara it-talbiet imsemmija. Il-Qorti qrathom b'attenzjoni. Tinnota li f'dawk il-provvedimenti gie ritenut li billi l-hrug ta mandat ta inibizzjoni huwa mezz prcedurali eccezzjonali it-talba ma kellhiex tintlaqa billi r-rikorrenta tista *"..tirreklama minghand l-intimata t-telf kollu li tkun garrbet ghall-isfruttament tas-sit li tkun ghamlet l-intimata"*[4] .

Ir-rikorrenta targumenta izda illi wara li t-talba taghha ghal hrug ta'mandat ta inibizzjoni giet respinta, u in vista tal-provvedimenti moghtija hija uzat mezzi procedurali ohra sabiex tikkawtela il-pretensjonijiet taghha, liema mezzi ma hallewx rizultat pozittiv[5]. Ghalhekk l-element tal-htiega jissussisti wkoll.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-Qorti tqis li r-rikorrenta irnexxiela tissodisfa dan ir-rekwizit.

**Provvediment**

**Ghaldaqstant, ghal motivi gia espressi l-Qorti qieghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghda tordna l-hrug ta` Mandat ta`**

---

[3] A fol 150 tal- process
[4] A fol 184 tal-process
[5] A fol 136 sa fol 140 tal-process

**Inibizzjoni kontra l-intimata Salvu Mintoff & Sons Limited (C-5093) billi din tinzamm milli taghmel jew tkompli taghmel tibdil li jkun, inkluz permezz ta' xogħlijiet ta' thaffir, thammil, tqattigħ jew garr ta' blat u materjal iehor, minn xi parti mill-art magħrufa "Tal-Qasam" jew "Ta' Għar id-Dar" jew "Tal-Hawli", fil-limiti tal-Qala, Għawdex.**

Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-jedd.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur